



Direttorat Ġenerali tal-Amministrazzjoni
Direttorat tar-Riżorsi Umani u tal-
Amministrazzjoni tal-Persunal
Unità Reklutaġġ u Karrieri
AC

SEJĦA GĦAL KANDIDATURI **Nru CJ AP REF-TRIB PERM**

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Qorti Ġenerali”) qiegħda tnedi sejħa permanenti għal kandidaturi bil-għan li tiġi stabbilita database li tiġbor fiha diversi kandidaturi u li tkun tista' tintuża meta jkun hemm bżonn li jiġu rreklutati rēfērendaires bħala membri tal-persunal temporanju jew bħala membri tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt ¹ assenjati mal-Membri tal-Qorti Ġenerali ².

F'ħidma mill-qrib ħafna mal-Imħallfin imsemmija iktar 'il fuq u taħt is-superviżjoni tagħhom, ir-rēfērendaires huma responsabbli għat-tħejjija tad-dokumenti marbuta mat-trattament ġudizzjarju tal-kawżi li fihom dawn l-Imħallfin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala relatur jew ġudikant.

Il-funzjonijiet li għandhom jiġu eżerċitati jeħtieġu, b'mod partikolari:

- taħriġ ġuridiku komplet attestat minn diploma universitarja fid-dritt;
- konoxxenza approfondita tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari f'wieħed jew iktar mill-oqsma li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll konoxxenza tajba tar-regoli proċedurali u tat-teknika kontenzjuża;
- kapaċità tajba ta' analiżi u ta' sinteżi fir-rigward ta' kwistjonijiet tad-dritt kumplessi;
- kapaċità ta' tfassil ta' testi legali bil-Franċiż (livell minimu ta' B2.1 fil-Franċiż huwa meħtieġ) ³;
- kapaċità sodisfaċenti fl-użu tal-għodda tal-informatika u tad-databases legali;
- kapaċità tajba ta' komunikazzjoni ma' persuni li jkollhom taħriġ legali differenti kif ukoll ftuħ kulturali u lingwistiku.

Għalkemm ma humiex neċessarji, jikkostitwixxu vantaġġ għall-pożizzjoni inkwistjoni:

- esperjenza professjonali f'pożizzjoni simili fi ħdan qorti jew fi ħdan uffieċju ta' avukati, struttura governattiva, istituzzjoni jew korp tal-Unjoni Ewropea;
- konoxxenza tajba ta' lingwi uffieċjali oħra tal-Unjoni Ewropea.

Il-pożizzjoni ta' rēfērendaire tirrikjedi disponibbiltà kbira, kapaċità konkreta ta' ħidma f'tim kif ukoll livell għoli ta' responsabbiltà, ta' rigorożità, ta' organizzazzjoni u ta' diskrezzjoni.

¹ Il-membri tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt jissostitwixxu lir-rēfērendaires li ma jkunux jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom minħabba mard jew minħabba leave tal-maternità.

² L-uffieċjali jistgħu jiġu assenjati fl-interess tas-servizz. Fil-każ ta' sostituzzjoni ta' rēfērendaire li jkun assenti minħabba leave tal-mard jew tal-maternità, l-uffieċjali jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-uffieċju kkonċernat.

³ Skont il-livell tal-Franċiż tal-kandidati magħżula, jiġi propost programm ta' taħriġ u ta' perfezzjonament lingwistiku.

Jekk inti interessat f'eventwali reklutaġġ fi ħdan il-Qorti Ġenerali u tqis li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġ, tista' tippreżenta l-kandidatura tiegħek permezz tal-applikazzjoni:

EU CV online: <https://curia.europa.eu/apply>.

Il-fatt li kandidat jippreżenta kandidatura għal din is-sejħa permanenti għal kandidaturi ma huwiex garanzija li l-kandidat ser jissejjaħ għal intervista jew li ser issirlu offerta għal impjieg fi ħdan il-Qorti Ġenerali.

Fil-każ ta' pożizzjoni vakanti, il-Membri tal-Qorti Ġenerali ser ikunu jistgħu jikkonsultaw id-database u jagħżlu l-kandidat jew il-kandidata li l-profil tiegħu jew tagħha jikkorrispondi għar-rekwiżiti meħtieġa għall-pożizzjoni li jkollha timtela. F'dan il-każ, il-persuna kkonċernata ser tiġi kkuntattjata, permezz ta' ittra elettronika jew bit-telefon, direttament mill-uffiċċju tal-Membru.

Id-data ser tibqa' attiva għal perijodu ta' sitt xhur jew għal perijodu iqsar jekk tħassar iċ-CV online tiegħek qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu. Ladarba jiskadi dan it-terminu, inti tista' tiddeċiedi li tattiva mill-ġdid id-data tiegħek jekk tixtieq li l-profil tiegħek jinżamm fid-database. Ladarba d-data tiegħek issir inattiva, il-profil tiegħek ma jkunx jista' jibqa' jiġi kkonsultat, u lanqas ma jkun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni f'tiftix anonimu, u inti biss ikollok aċċess għal din id-data sabiex tattivaha mill-ġdid. Wara tnax-il xahar mingħajr attività, id-data tiħassar kompletament mid-database.

L-għan tal-ġbir, il-modalitajiet ta' pproċessar u t-tul taż-żamma tad-data personali tal-kandidati permezz ta' din l-applikazzjoni huma spjegati fid-dettall fl-avviż li jinsab anness.



AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI

Kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

L-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni huwa rregolat mir-Regolament 2018/1725 (ĠU 2018, L 295, p. 39).

Dan l-avviż jispjega għaliex u kif id-data tiegħek tintuża fil-kuntest tal-ipproċessar inkwistjoni.

SEJĦA GĦAL KANDIDATURI – UFFIĈĠI TAL-MEMBRI TAL-QORTI ĠENERALI

Min huwa l-kontrollur tad-data?

Il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar huwa d-Direttorat tar-Riżorsi Umani u tal-Amministrazzjoni tal-Persunal, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-ġestjoni tal-applikazzjoni EU CV online. Avviż ta' informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data f'EU CV online huwa disponibbli wkoll fl-imsemmija applikazzjoni.

Għalfejn għandna bżonn id-data tiegħek?

L-għan tal-ipproċessar inkwistjoni huwa s-selezzjoni tal-persunal fi fhdan l-uffiċċji tal-Membri tal-Qorti Ġenerali. Dan l-ipproċessar huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jiġi evalwat il-potenzjal tal-kandidati sabiex jokkupaw pożizzjoni vakanti mal-Membri tal-Qorti Ġenerali, b'applikazzjoni tal-Artikolu 37 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikoli 12 u 82 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-membri tal-persunal l-oħra tal-Unjoni Ewropea.

Aħna niġbru d-data li tinsab fuq iċ-CV, kif ukoll informazzjoni supplimentari speċifika għal kull sejħa għal kandidaturi. Din l-informazzjoni tikkonċerna l-identità, ix-xogħol attwali u preċedenti, id-diplomi, l-esperjenza, il-konoxxenzi, il-kapaċitajiet, it-talenti u l-konoxxenzi lingwistiċi tiegħek.

Kif nirċievu d-data tiegħek?

L-ipproċessar inkwistjoni jitwettaq permezz tal-applikazzjoni EU CV online, li hija amministrata mill-Kummissjoni Ewropea.



Min għandu aċċess għad-data tiegħek?

Jingħataw drittijiet ta' aċċess għall-ġestjoni tal-kandidaturi lill-amministraturi tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani u tal-Amministrazzjoni tal-Persunal, kif ukoll lill-Membri u lill-membri tal-persunal fl-uffiċċji tagħhom li jkunu magħżula speċifikament sabiex jassistu lill-Membri fil-proċedura ta' selezzjoni.

Għal kemm żmien ser inżommu d-data tiegħek?

Id-data marbuta ma' proċeduri speċifiċi ser tinżamm għal 12-il xahar mid-data tal-ħatra tal-kandidat magħżul.

Id-data personali mogħtija mill-kandidati fil-kuntest ta' sejħa permanenti għal kandidaturi ser tinżamm għal perijodu ta' 18-il xahar mid-data tal-aħħar azzjoni mwettqa mill-kandidati (reġistrazzjoni inizjali jew aġġornament tad-data) (6 xhur bħala data attiva, 12-il xahar bħala data inattiva, sakemm is-suġġett tad-data ma jkunx ħassarha qabel).

Liema huma d-drittijiet tiegħek?

Konformement mar-regoli applikabbli, għandek dritt titlob lill-kontrollur tad-data aċċess għad-data tiegħek u jekk ikun il-każ, ir-rettifika jew it-tneħħija tagħha, kif ukoll limitazzjoni tal-ipproċessar.

Barra minn hekk, tista' tikkontesta l-ipproċessar għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Kif tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek? Lil min għandek tikkuntattja?

Tista' tikkuntattja lill-kontrollur tad-data, bil-modi segwenti:

Indirizz postali: Cour de justice de l'Union européenne
Direction des Ressources humaines et de l'administration
du personnel – Unité Recrutement et carrières
Rue du Fort Niedergrünewald
L-2925 Luxembourg

Tingħata risposta għat-talba tiegħek mill-iktar fis possibbli u, bħala prinċipju, f'terminu ta' xahar. Skont il-bżonn, dan it-terminu jista' jiġi pprorogat.



Tista' wkoll tikkuntattja lill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea: DataProtectionOfficer@curia.europa.eu

II-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Għandek dritt tressaq ilment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jekk tqis li l-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernak ma jkunx konformi mar-Regolament 2018/1725.